MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

Laqgħa Numru KLR 22/IX/2026

L-Erbgħa, 29 ta' Lulju, 2026 fid-09:00

Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali

Preżenti:
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

Skużati:
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

22.1 Talba

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

22.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija

22.2.1 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri skużati.

22.3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 21 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

22.3.2 Saret korrezzjoni.

22.3.3 Il-minuti ġew approvati.

22.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.4.1Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Ministru għal Għawdex. Ġew diskussi diversi temi fosthom:-

i) ix-xogħol li għaddej quddiem il-Kunvent tal-Kapuċċini. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir *playing field* f'area fejn l-art hi tal-Gvern, kienet mikrija lill-privat u issa ntemmet il-kirja. Għarraf lill-membri li l-Kunsill, il-Ministeru għal Għawdex u l-Gwardjan tal-Kapuċċini qablu li x-xogħol jiġi finanzjat permezz tad-Development Planning Fund (DPF) mill-Awtorita' tal-Ippjananr. Ser jitranġa z-zuntier u ssir *playing field* fil-ġnien tal-Kunvent u jitranġa wkoll il-ħajt li miz-zuntier jagħti għall-ġnien tal-kunvent.

ii) l-asfalt urġenti ta' Triq it-Tabib Anton Tabone;

iii) il-proġett ta' Pjazza Santu Wistin. Il-Perit tal-Kunsill għandu jgħaddi d-dokumenti kollha lid-Direttur Ġenerali sabiex isir il-kuntratt mall-Ministeru għal Għawdex. Wara l-iffirmar tal-Kuntratt, l-ewwel li jrid isir hu t-tħaffir sabiex issir l-evalwazzjoni arkeoloġika. Dan ukoll għas-spejjeż tal-Ministeru għal Għawdex.

22.4.2 Is-Sindku qal li ġiet sottomessa l-applikazzjoni SPI/SCI/04/2026 – Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Qed jiġi propost li jiġi ġġenerat u msebbaħ il-Wied ta' Żejta. Is-Sindku qal li din l-applikazzjoni tkopri l-ewwel żewġ partijiet tal-Proġett. Għall-aħħar fażi tal-proġett u jekk jiġi approvat, il-Kunsill japplika għall-fondi mid-Development Planning Fund (DPF) tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Tressqet riżoluzzjoni tas-Sindku peress li l-istima ta'dan il-proġett tlestiet mill-Perit fl-20 ta' Ġunju, 2026 u d-data tal-egħluq tal-proġett kien fis-26 ta' Ġunju, 2026 u allura l-istima ma setgħetx tiġi approvata fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Din ġiet issekondata mill-membru Schembri. Il-membri qablu mal-kontenut u dak li ressaq il-Perit għal din l-applikazzjoni. Il-membri qablu wkoll li l-Perit għandu jara jekk hemmx proġett ta' terzi f'Wied Żejta.

22.4.3 Is-Sindku qal li ġiet sottomessa l-applikazzjoni SPI/SCI/05/2026 – Finanzjament – Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u ta' Kwalita'. Qed jiġi propost l-ameljorament tal-area ta' fejn il-moument ta' Papa Ġwanni Pawlu II li jinsab fit-triq li ġġib ismu. Il-membri qablu.

22.4.4 Is-Sindku qal li tlesta r-restawr fuq l-istatwi tal-ġebel li hemm fuq il-faċċata tal-Knisja tal-Kapuċċini u n-niċċa tal-Kunċizzjoni li hemm fuq iz-zuntier tal-istess kunvent. Daqt jinbeda r-restawr fuq in-niċċa tal-Kunċizzjoni ta' Pjazza Savina.

22.4.5 Is-Sindku qal li ġie approvat il-proġett 101216062 – CulturePIE – Citizens, Equality, Rights and Values Programme (CERV). L-organizzazzjonijiet parteċipi barra l-Kunsill tar-Rabat huma l-Assoċjazzjoni Kulturali Ateneo De Jerez, Pot Project u SC La Piovra Turista SRL. Il-Kunsill ser ikollu €77,400 li jingħatawlu mil-European Education and Culture Executive Agency (EACEA) sabiex jintużaw għal dan il-proġett. L-ewwel laqgħa hi skedata li ssir bejn Ottubru u Novembru 2026 fir-Rumanija, fejn huwa bbażat l-Lead Partner. Is-Sindku propona li għall-ewwel laqgħa, miegħu jattendi Austin Camilleri li hu d-Direttur Artistiku tal-applikazzjoni għall-Europen Capital of Culture 2031 (ECOC 2031). Il-membri qablu.

22.4.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mistieden mis-Sindku ta' Hernadkak fil-Polonja sabiex il-Kunsill ikun sħab fil-proġett GENTLE Project (Gender Equity Nurturing Transformation for Lasting Equality). Dan hu fil-framework tas-CERV Programme fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Il-membri qablu li l-Kunsill jipparteċipa. Il-laqgħat ser isiru bejn it-22 u l-24 t'Awwissu. Ser jattendu s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, Valerie Mejlak, li applikat għal dan il-proġett. Is-Sindku qal li kien imiss il-Viċi Sindku u l-membru Abela. Il-membru Abela aċċettat u l-Viċi Sindku qallu li ser ikun imsiefer fl-istess dati. Għalhekk ittellgħu l-ismijiet tal-kunsilliera preżenti bix-xorti u l-ewwel tela' l-membru Debrincat u warajh il-membru Tabone.

22.4.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li tpoġġew l-arbli li magħhom ser isiru s-CCTVs fi Triq Palma, Triq Fortunato Mizzi u fil-Bus Terminus. Il-kameras ser jitpoġġew sa l-aħħar ta' dan ix-xahar. Sadanittant rigward SPI/SCI/4/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati, id-Diviżjoni għal Gvern Lokali estendiet iż-żmien tal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett sa l-aħħar t'Ottubru 2026.

22.4.8 Għarraf lill-membri li ser ssir CCTV oħra fi Triq Ġużeppi Spiteri u din ser tkun iffinanzjata minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Fi Triq Ġużeppi Spiteri tpoġġa wkoll *dog litter bin.*

22.4.9 Is-Sindku qal li x-xogħol ta' Triq San Duminku tlesta minn naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u ingħata t-tarmak. Il-bankini ser isiru mill-Ministeru għal Għawdex.

22.4.10 Is-Sindku għarraf lill-membri li tneħħa l-litter bin li kien hemm fejn il-ġnien tad-Dawwara Nursery. Miegħu kien qed jintrema ħafna skart b'mod illegali. Xorta għadu jintrema imma naqas. Dan il-bin tneħħa minn naħħa tat-Taqsima tal-Indafa Pubblika u tneħħa wkoll il-bin li kien hemm maġenb il-monument ta' Mons. Luigi Vella fi Pjazza Savina.

22.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondena mingħand:-

22.5.1Id-Diviżjoni għal Gvern Lokali (DLG) rigward:-

i) Fond ta' Aġġustament 2026. Ġew approvati l-€10,000 li jingħata kull sena bħala fond tal-Bliet u għal ewwel darba ingħata fond ta' €7,000 li jkopri l-lokalitajiet turistiċi. Is-Sindku qal li ż-żewġ finanzjamenti xorta mhumiex biżżejjed meta tqabbilhom ma' lokalitajiet oħra kemm f'Malta u kemm f'Għawdex;

ii) Animal first aid course;

iii) Malta Tells – Opportunita' biex il-lokalita' tingħata aktar viżibiltia';

22.5.2 Reġjun Għawdex rigward:-

i) it-tnehdija ta' l-iSTEAM Engagement Community Fund 2026;
ii) LEADER Gozo – Measure 3: Empowering Communities to Act as Environmental Stewards u Measure 4: Promoting Health and Sustainable Lifestyle in Gozo;
iii) Town Twinning Call for Proposals under the Citizens, Equaity, Rights and Values (CERV) Programme;
iv) l-għotja ta' dog litter bin lil kull Kunsill Lokali f'Għawdex;
v) is-summer camp for Ukranian Youths in Gozo. Il-membri qablu li l-Kunsill jerġa jipparteċipa u ż-żjara ta' dawn iż-żgħażagħ ser issir fir-Rabat, filgħodu, it-Tnejn 31 ta' Awwissu, 2026;

22.5.3 Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL):-

i) Cir AKL 2026 /035 – Call for evidence for the 2026 Annual Report on the State of Regions and Cities;
ii) Cir AKL 2026/036 – Invitation: Launch of Maker Fair Malta 2026
iii) Cir AKL 2026/037 – Consultation of local and regional authorities on local integration practices concerning migrants;
iv) Cir AKL 2026/049 – Ai for all Local Councils;
iv) Cir AKL 2026/054 – Żjara l-Vatikan. Qed tiġi offruta opportunita lis-Sindki sabiex iżuru l-Vatikan u jattendu għal udjenza uffiċjali mas-Santita' Tiegħu il-Papa, f'Ottubru li ġej. Is-Sindu ser jattendi u l-membri ma sabux oġġezzjoni;

22.5.4 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) rigward Mary Cassar et vs Dr. Samuel Azzoaprdi noe et.. Dan hu l-każ li l-Kunsill għandu l-Qorti rigward it-tmexxija tal-monti. Il-każ tkompla jinstema Għawdex fil-15 ta' Lulju, 2026;

22.5. ic-Chief Operating Officer tad-District Operations Ltd. li tħaddem il-ħaddiema tal-Community Work Scheme. Ser jiżdied il-performance bonus ta' dawn il-ħaddiema minn 5% għal 10%. Dan il-bonus jitħallas mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill ser jitlob il-parir tal-LGD qabel tittieħed deċiżjoni;

22.5.6 il-European Union Programme Agency (EUPA) - Erasmus+ and European Solidarity Corps Round 2 – October 2026 Calls Information Session;

22.5.7 il-Community Police fejn ġie rrappurtat lill-ERA, skart mormi b'mod illegali fi Pjazza Savina quddiem il-klinika dentali privata;

22.5.8 sidien id-dar 'Vella's House, fi Triq l-Imgħallem fejn aċċettaw li teħel Bozza ġdida mad-dar tagħhom. Il-membri qablu;

22.5.9 Frank Muscat rigward VO Networking seminar f'Għawdex għall-Għaqdiet Volontarji Għawdxin;

22.5.10 SportMalta rigward il-European Week of Sport li se ssir bejn l-1 u t-30 ta' Settembru;

22.5.11 il-Malta Federation of Organisations Persons with Disability rigward l-Access City Award
2027;

22.5.12 l-ANSEK rigward:-
i) ACHIEVE – Essential People Skill for Local Governance;
ii) filmati qosra ta' taħriġ u nformazzjoni dwar il-Kunsilli Lokali;

22.5.13 CareMalta rigward in-Nazzareno Vassallo Award 2026;

22.5.14 id-Direttorat għall-iŻvilupp Sostenibbli rigward applikazzjonijiet għas-Sustainable Action Awards;

22.5.15 residenti li lmentaw mal-Ministeru għal Għawdex u mal-ERA rigward għalqa abbandunata fi Triq Ċangar kantuniera ma' Triq Anici. Din qedgħa ta' riskju peress li tista' taqbad, fiha l-ġrieden, l-għeruq tas-siġar qed jikkawżaw ħsara fil-bini tal-madwar u l-ħitan tas-sejjieħ ser jaqgħu. Il-Ku nsill hu kkupjat f'dan l-ilment;

22.5.16 residenta fi Triq Għajn Qatet rigward il-problema kbira li teżisti f'din it-triq minħabba l-infestazzjoni ta' ħamiem selvaġġ. Għandha tiġi nfurmata bil-proġett nazzjonali tal-kontroll tal-ħamiem;

22.5.17 persuna li qed jirrapporta ħsara fit-tyre tal-karozza li ġie kkawżat minn pjanċa tal-ħadid fi Triq Ġorġ Pisani. Qed jitlob kumpens tal-ispejjeż. Intalab jagħmel rapport lill-pulizija;

22.5.18 resident li rrapporta ħsara fil-bankina fi Triq Universitas, quddiem il-ħanut Cakebake. Din il-ħsara għandha titranġa;

22.5.19 residenta fi Triq Dun Pawl Micallef li rrappurtat ħsara fil-bankina ta' quddiem id-dar tagħha. Din il-ħsara għandha titranġa.

22.5.20 Tressqet talba mingħand il-membru Debrincat sabiex Charles Bezzina jerġa jiġi nominat għas-Sħubija f'Ġieħ ir-Repubblika jew fl-Ordni Nazzjonali tal-Mertu jew għall-Għoti ta' Midalja tar-Repubblika. Il-membri qablu.

22.6 Immaniġjar tat-Traffiku

22.6.1 Tressqet korrispondenza mingħand Transport Malta (TM) rigward il-*bus stop* li hemm quddiem l-Aurora. TM offriet żewġ alternattivi fejn ikunu jistgħu jidħlu l-*buses* tal-hop-on-hop-off, waħda l-isfel mill-Aurora u l-oħra aktar il-fuq. Il-ħin ikun bejn l-10:00 u l-17:00 u l-bqija jistgħu jipprakjaw vetturi oħra barra dan il-ħin. Is-Sindku qal li ddiskuta din il-proposta mas-sidien ta'dawn il-*buses* u qablu wkoll li ma jibqgħux tilgħin minn salib it-toroq lejn Pjazza Indipendenza. B'hekk jiġi evitat ħafna staġnar tat-traffiku. Il-membri raw il-pjanti u qablu li

l-aħjar soluzzjoni tkun li ssir l-isfel mill-Aurora. Il-buses tal-linja jibqgħu joffru s-servizz kif inhu.

22.6.2 TM ressqet traffic management għall-*junction* ta' Triq Ġorġ Pisani ma' Triq l-Ewropa u Triq Viani li fost oħrajn tinkludi diversi road humps u l-introduzzjoni ta' one way ta' Triq Żejta. Din ġiet diskussa u s-Sindku għarraf lill-membri li s-suġġeriment tiegħu hu li jkun hemm *traffic lights* li jidderieġu t-traffiku f'din l-area. Il-membri qablu.

22.6. Tressqet talba għall-*un/laoding bay* quddiem ristorant 'Victoria, Triq l-Ewropa. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dment li dan in-negozju hu ntitolat għal *un/loading bay*. TM għandha tiġi nfurmata b'dan.

22.6.4 Tressqet talba sabiex isir *hoarding* temporanju fi Triq Viani kantuniera ma' Triq Fortunato Mizzi. Dan fuq talba ta' terzi sabiex isir żvilupp privat. Il-Kunsill ma joġġezjonax dment li jkun hemm il-permessi kollha kif suppost.

22.6.5 Tressqet talba sabiex isir *hoarding* temporanju fi Triq l-Ewropa quddiem d-Downtown Hotel. Dan fuq talba ta' terzi sabiex isir żvilupp privat. Il-Kunsill ma joġġezjonax dment li jkun hemm il-permessi kollha kif suppost.

22.6.6 TM approvat *traffic mirror* qrib garaxxijiet, 115, Triq Santa Dminka.

22.6.7 Tressaq suġġeriment tal-Kappillan tal-Fontana sabiex issir *pedestrian crossing* fi Triq Sir Arturo Mercieca l-isfel qrib Triq il-Kappillan G. Hili fil-Fontana. Is-Sindku għadda dan is-suġġeriment lill-TM u lid-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

22.6.8 Korrispondenza mingħand resident fl-ewwel parti ta' Triq Għajn Qatet lejn Pjazza San Franġisk. Irrapporta li qed jipparkjaw il-vetturi b'mod illegali u ma jkunx jista' joħroġ mill-propjeta' tiegħu. Ġie rrapurtat kemm lill-Pulizija u kemm lill-LESA.

22.7 Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura

22.7.1 Is-Sindku propona li l-Kunsill jappunta persuna professjonali li tieħu ħsieb il-websajt tal-Kunsill. Dan minħabba li bl-applikazzjni għall-ECOC din trid tkun tidher kif suppost. Il-membri qablu.

22.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sindku ta' Las Palmas de Gran Canaria, Carolina Darias San Sebastian. Hi u żewġ delegati oħra żaru Għawdex f'Lulju, 2026. Hi rringrazjat lill-Kunsill talli lqajnihom. Wriet ix-xewqa li fil-futur ikun hemm iktar kollaborazzjoni bejn iż-żewġ bliet. Stiednet ukoll lis-Sindku sabiex iżur Las Palmas fil-futur qarib. Las Palmas hi applikanta wkoll għall-ECOC 2031.

22.7.3 L-istrateġija Kulturali għar-Rabat, ġie imnehdija fl-10 ta' Lulju 2026 fl-uffiċċju aministrattiv tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku ressaq il-booklet li ġie preparat. Hu qal li avvenimenti bħal dawn jistenna li l-membri kollha tal-Kunsill ikunu preżenti. Għal din it-tnehdija kien hawn il-membru Tabone biss preżenti u l-membru Schembri kien għarraf li ma setax jattendi.

22.8 Riġenerazzjoni – Ġnien Qasam San Ġorġ

Is-Sindku qal li peress li din l-*area* hi devoluta lill-Kunsill, intalab il-permess tal-Awtorita' tal-Artijiet sabiex ikun jista' jsir il-proġett. Dan skont il-kuntratt tad-devoluzzjoni.

Il-Perit ser japplika għall-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

22.9 Playing Field

22.9.1 Is-Senior Manager, Strategy and Support fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħat form PA15/16 – Notice of owners/Third Parties in Terms of Regulation 4(2) of L.N. of 2007 as amended by L.N. 73 of 2015. Din turi li l-Ministeru għal Għawdex, permezz tas-Segretarju Permanenti u l-Perit tal-Ministeru, applikaw għall-permess ta' żvilupp tal-playing field. L-applikazzjoni ġġib in-numru PC/00004/26.

22.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

22.10.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Lulju 2026, skont dokument A anness.

22.11 Xogħolijiet oħra

Tressaq ir-rapport tal-bord tal-aġġudikazzjoni tal-offerta VLC03/2026 – Tender for Bulky Refuse Collection. Kien hemm tlett offerenti. Il-parir tal-bord hu li l-offerta tingħata lill-Nicholas Zammit. Il-membri qablu.

Mill-Culture Fund fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ġew approvati €5,000 għall-attivita' intitolata "Kids in the City" li ser issir fi Pjazza Indipendenza, il-Ħadd, 13 ta' Settembru, 2026.

22.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet f'nofsinhar u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 26 ta' Awwisu, 2026.

Brian Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv